**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0353/2023**

10.11.2023

# RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (2023/2030(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Bert-Jan Ruissen

PR_INI_ImplReport

# WERREJ

**Paġna**

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET ....................................... 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ............................... 4

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 13

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 14

# NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

## *Sfond*

Fl-2007, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea. Għandu approċċ wiesa' u olistiku għall-ġestjoni tal-istokk tas-sallura, li jkopri l-istadji tal-ħajja u r-rotot migratorji differenti tas-sallura. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-ilmijiet tal-Unjoni, il-laguni kostali, l-estwarji, u x-xmajjar u l-ilmijiet interni komunikanti tal-Istati Membri li jibqgħu sejrin fl-ibħra. Ir-Regolament dwar is-Sallura jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri, mill-2009, li jiddefinixxu l-ħabitats naturali tagħhom għas-sallura Ewropea (baċiri tax-xmajjar tas-sallura) u li jkollhom fis-seħħ Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura (EMP) għal dawn il-ħabitats. Dan jippermetti lill-Istati Membri jqisu ċ-ċirkostanzi lokali u nazzjonali speċifiċi. L-objettiv ta' kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jkun li jitnaqqsu l-mortalitajiet antropoġeniċi sabiex tiġi permessa l-ħarba għall-baħar bi probabbiltà għolja ta' mill-inqas 40 % tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda relattiva għall-aqwa stima ta' ħarba li kienet teżisti kieku ebda influwenza antropoġenika ma kellha impatt fuq l-istokk. Il-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jitħejja bl-iskop li jinkiseb dan l-objettiv fuq terminu twil. Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri jistgħu jinkludu t-tnaqqis tal-attività tas-sajd kummerċjali, ir-restrizzjoni tas-sajd rikreattiv, miżuri ta' ripopolazzjoni, miżuri strutturali biex ix-xmajjar ikollhom minn fejn il-ħut jista' jgħaddi u biex jitjiebu l-ħabitats tax-xmajjar, it-trasport tas-sallura tal-fidda mill-ilmijiet interni lejn ilmijiet li minnhom jistgħu jaħarbu liberament lejn il-Baħar Sargasso, il-ġlieda kontra l-predaturi, it-tifi temporanju ta' turbini tal-enerġija idroelettrika, u miżuri relatati mal-akkwakultura. L-Istati Membri għandhom, għall-ewwel, jirrapportaw lill-Kummissjoni Ewropea kull 3 snin, bl-ewwel rapport jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2012. Il-frekwenza tar-rapportar għandha tonqos għal darba kull 6 snin, wara li jkunu ġew ippreżentati l-ewwel tliet rapporti triennali. Ir-rapporti għandhom jiddeskrivu l-monitoraġġ, l-effettività u l-eżitu tal-pjanijiet ta' ġestjoni.

## *Il-pożizzjoni tar-rapporteur*

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li r-Regolament dwar is-Sallura huwa strument tajjeb u olistiku, iżda li l-implimentazzjoni tiegħu tista' tittejjeb. B'mod partikolari, il-problema tal-ostakli tal-migrazzjoni ma ġietx indirizzata biżżejjed, filwaqt li l-attività tas-sajd ġiet ristretta b'mod sinifikanti. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea. Fi żminijiet reċenti, l-enfasi ta' dawk li jfasslu l-politika kienet fuq aktar tnaqqis tas-sajd tas-sallura. Dan jintwera mid-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2022 dwar l-opportunitajiet tas-sajd, li tirrestrinġi s-sajd tal-baħar u kostali tas-sallura b'perjodu ta' għeluq ta' 6 xhur. Ir-rapporteur huwa tal-fehma li din ma hijiex it-triq it-tajba għall-irkupru tas-sallura. Ir-Regolament dwar is-Sallura jeħtieġ li jiġi rikonoxxut bħala l-politika ewlenija u l-aktar strument xieraq għall-ġestjoni tas-sallura. Ir-rapporteur jagħmel diversi rakkomandazzjonijiet għal implimentazzjoni aħjar tar-Regolament dwar is-Sallura, bħat-titjib tal-mudell ta' governanza sabiex jippermetti feedback u aġġornamenti tal-EMPs, ir-rikonoxximent tar-rwol essenzjali tas-sajjieda, it-tkomplija tal-politika ta' ripopolazzjoni, l-indirizzar tal-ostakli għall-migrazzjoni, l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, il-promozzjoni tar-riċerka xjentifika, u l-armonizzazzjoni tal-ġbir tad-data.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea**
**(2023/2030(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ir-Regolament dwar is-Sallura)[1],

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 11, 38, 39 u 43 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)[5],

– wara li kkunsidra l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi,

– wara li kkunsidra l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni tar-Regolament dwar is-Sallura fl-2014 (COM(2014)0640) u fl-2020 (SWD(2020) 0035),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni tal-2019 ikkuntrattat lil Poseidon mill-Kummissjoni,

---

[1] ĠU L 248, 22.9.2007, p.17.
[2] *ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.*
[3] *ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.*
[4] *ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.*
[5] *ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.*

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-4 ta' Mejju 2022 tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku dwar miżuri ta' ġestjoni għas-sallur,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond[6] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed[7],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mid-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Greċja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja dwar is-sallura fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea[8],

– wara li kkunsidra r-rapport tat-30 ta' Mejju 2022 maħruġ mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-workshop għall-Evalwazzjoni teknika tar-Rapporti ta' Progress tal-Istati Membri tal-UE għas-sottomissjoni fl-2021 (WKEMP3),

– wara li kkunsidra l-parir mogħti mill-ICES tat-3 ta' Novembru 2022 dwar is-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*) fil-firxa naturali kollha tagħha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2023 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti" (COM(2023)0102),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti mhux leġiżlattivi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0353/2023),

A. billi r-Regolament dwar is-Sallura jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni tas-sallura (EMP), b'objettiv uniformi u proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni triennali kkoordinat internazzjonalment;

B. billi 19-il Stat Membru adottaw Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għal kważi 90 Unità ta' Ġestjoni tas-Sallura, li jkopru madwar 1 880 azzjoni; billi sitt Stati Membri (Ċipru, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija) huma eżentati milli jħejju EMP; billi s-Slovenja u l-Bulgarija (għas-sistemi tax-xmajjar tagħhom barra l-Baħar l-

[6] *ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1.*
[7] *ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220.*
[8] ĠU C 298 E, 7.12.2006, p. 113.

Iswed) ma ħejjewx l-EMPs tagħhom; billi l-Kroazja bħalissa qed tiżviluppa l-EMP tagħha;

C. billi Stat Membru wieħed biss sa issa emenda l-EMP tiegħu; billi, madankollu, l-Istati Membri qed jieħdu azzjoni u qed jimplimentaw L-EMPs tagħhom b'modi differenti bbażati fuq it-tradizzjonijiet amministrattivi nazzjonali tagħhom; billi hija meħtieġa aktar azzjoni f'termini ta' miżuri ta' implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, aġġornament tal-EMPs;

D. billi, fil-preżent, hemm biss pjan transfruntier wieħed rikonoxxut mill-UE, li jinsab fil-baċir tax-Xmara Minho (Spanja u l-Portugall); billi, skont l-ICES (2022), filwaqt li huwa rikonoxxut li teżisti kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi mhux tal-UE permezz ta' mekkaniżmi oħra, għad hemm korpi tal-ilma li kieku jibbenefikaw minn koordinazzjoni mtejba tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni;

E. billi l-kontroll distribwit taħt koordinazzjoni ċentrali huwa karatteristika tar-Regolament dwar is-Sallura; billi l-ġestjoni tal-istokk tas-sallura hija kumplessa wisq għal approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd; billi r-Regolament dwar is-Sallura jagħti flessibbiltà lill-Istati Membri biex jaġġustaw l-EMPs tagħhom għaċ-ċirkostanzi lokali u l-prijoritajiet nazzjonali sabiex jippermettu l-irkupru tal-istokk;

F. billi ma hemm l-ebda pjattaforma speċifika għas-sallura fil-livell tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni, diskussjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati u segwitu tal-feedback;

G. billi r-rapportar mill-Istati Membri ħafna drabi ma kienx komplut u ma kienx standardizzat; billi, skont ir-rapport ta' Poseidon tal-2019, 18 minn 19-il Stat Membru rrapportaw fl-2012, 14 minn 19-il Stat Membru rrapportaw fl-2015 u 15 minn 19-il Stat Membru rrapportaw fl-2018; billi skont l-ICES (2022), 13 biss minn 19-il Stat Membru rrapportaw fl-2021;

H. billi l-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni ġenerali tar-Regolament dwar is-Sallura u l-EMPs nazzjonali fl-2014, u kkonkludiet li l-implimentazzjoni tal-EMPs irriżultat f'restrizzjonijiet fuq is-sajd, filwaqt li għandha tingħata aktar attenzjoni lil miżuri ta' ġestjoni relatati ma' fatturi ta' mortalità antropoġenika mhux tas-sajd, li l-maġġoranza tagħhom kienu ġew implimentati parzjalment biss mill-Istati Membri;

I. billi l-Kummissjoni evalwat jekk ir-Regolament dwar is-Sallura kienx adatt għall-iskop tiegħu fl-2020, u kkonkludiet li kien rilevanti u adatt għall-iskop tiegħu, filwaqt li żiedet li kienet meħtieġa ambizzjoni ulterjuri biex ir-Regolament jiġi implimentat b'enfasi akbar fuq miżuri mhux relatati mas-sajd;

J. billi s-sallura bħalissa għadha kklassifikata bħala "f'periklu kritiku" skont il-lista ħamra tal-IUCN; billi r-reklutaġġ tal-ferħ tas-sallura u tas-sallura s-safra stabbilizza ruħu matul l-aħħar deċennju u qed jitjieb; billi huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-irkupru tas-sallura Ewropea se jieħu ħafna deċennji, minħabba l-ħajja twila tal-ispeċi;

***Ir-Regolament dwar is-Sallura bħala l-aktar strument olistiku xieraq***

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mir-Regolament dwar is-Sallura bħala l-politika ewlenija għall-ġestjoni u l-irkupru tal-istokk tas-sallura għal darb'oħra, filwaqt li jiżguraw approċċ olistiku u koerenti, li jinkludi wkoll miżuri

ta' implimentazzjoni sħiħa f'oqsma rilevanti oħra barra mis-sajd; ifakkar li r-Regolament dwar is-Sallura nstab li kien adatt għall-iskop tiegħu mill-evalwazzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni; huwa tal-fehma, madankollu, li huma meħtieġa implimentazzjoni aħjar tar-Regolament dwar is-Sallura u azzjonijiet imsaħħa addizzjonali mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li r-Regolament jiġi ppromulgat b'mod komprensiv;

2. Jafferma mill-ġdid l-objettiv tar-Regolament dwar is-Sallura li l-istokk tas-sallura jiġi rkuprat għal 40 % meta mqabbel mal-kundizzjonijiet pristini u l-għan ewlieni tiegħu li jnaqqas il-mortalità biex jippermetti l-irkupru tal-ispeċi; jirrakkomanda li huwa essenzjali li ssir enfasi fuq il-mira ta' mortalità li tista' tinkiseb fit-terminu qasir sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-bijomassa fuq terminu twil; jenfasizza l-fatt li "kundizzjonijiet pristini" jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu definiti; jirrimarka li l-mira ta' 40 % x'aktarx li ma tkunx tista' tintlaħaq minħabba telf ta' ħabitats li jeħtieġ li jiġi indirizzat, iżda li huwa l-istandard għad-derivazzjoni tal-mira għat-tnaqqis tal-mortalità;

3. Jirrimarka li d-data turi li t-tnaqqis fir-reklutaġġ tal-istokk għall-ferħ tas-sallura u għas-sallura s-safra waqaf mill-adozzjoni tar-Regolament dwar is-Sallura, li jindika li r-Regolament dwar is-Sallura qed juri xi riżultati preliminari pożittivi, iżda li l-istokk għadu, minn perspettiva storika, jippersisti f'livelli baxxi; jinnota li dan jindika li l-irkupru se jkun proċess fit-tul matul diversi deċennji, li jfisser li se jkunu meħtieġa monitoraġġ u azzjoni kontinwi;

4. Jisħaq li l-ġestjoni tal-istokk tas-sallura hija kumplessa wisq għal approċċ unilaterali orjentat lejn il-baħar; jenfasizza l-fatt li l-ibbażar ta' dan l-approċċ ta' ġestjoni biss fuq il-kontroll tal-opportunitajiet tas-sajd annwali ma jqisx sew fatturi importanti bħall-ostakli għall-migrazzjoni, il-kwalità tal-ħabitats u l-qabdiet u l-kummerċ illegali; jissottolinja li r-Regolament dwar is-Sallura huwa olistiku u komprensiv, jittratta kemm l-istadji tal-ħajja tal-baħar kif ukoll tal-ilma ħelu tas-sallura u jindirizza kemm l-impatti tas-sajd kif ukoll dawk mhux relatati mas-sajd; jindika, barra minn hekk, li l-impatti mhux fuq is-sajd jistgħu jkunu akbar mill-impatti fuq is-sajd, u għandhom jitqiesu bis-sħiħ, abbażi ta' approċċ tal-ekosistema; jinsab imħasseb li sa issa ngħatat ftit wisq attenzjoni għall-mortalità antropoġenika mhux tas-sajd;

5. Huwa tal-fehma li l-miżuri meħuda barra mill-kuntest tar-Regolament dwar is-Sallura jistgħu jimminaw il-koerenza tal-politika adottata; għandu tħassib kbir, għalhekk, dwar l-approċċ mhux olistiku meħud fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, li jirrestrinġi s-sajd tas-sallura b'perjodi magħluqin għas-sajd ta' 6 xhur mingħajr ma jitqies pakkett sħiħ ta' miżuri f'oqsma oħra ta' politika kif ukoll kumpens xieraq;

***Governanza u feedback***

6. Josserva li ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' feedback li jiżgura azzjoni ta' segwitu u aġġornamenti regolari tal-politika mill-Istati Membri fir-Regolament dwar is-Sallura; jenfasizza l-fatt li l-parir tal-ICES tal-2012, l-2018 u l-2021, wara l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali tar-Regolament dwar is-Sallura, ma tpoġġiex fil-prattika

b'mod suffiċjenti;

7. Jitlob, għalhekk, il-ħolqien ta' grupp ta' esperti speċifiku għas-sallura li jiżgura rappreżentanza sħiħa u bilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'rappreżentanti mill-Istati Membri u s-settur tas-sajd, is-sajjieda rikreattivi, l-amministraturi tal-ilma, il-kumpaniji tal-enerġija idroelettrika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet rilevanti oħra; jissuġġerixxi li l-kompitu prinċipali ta' dan il-korp għandu jkun li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Sallura, jipprovdi feedback lill-Istati Membri dwar l-EMPs tagħhom, jiskambja informazzjoni bejn il-partijiet differenti, u jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew;

8. Jinnota, f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi grupp speċjali konġunt, kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-ekosistemi tal-baħar, bil-għan li tlaqqa' flimkien esperti tas-sajd u tal-infrastruttura mill-ministeri nazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw is-suġġerimenti ta' hawn fuq meta jistabbilixxu dan il-grupp ta' esperti, sabiex jiżguraw approċċ komprensiv li jkopri politiki differenti għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tas-sallura;

9. Jenfasizza l-fatt li Stat Membru wieħed biss emenda l-EMP tiegħu mill-adozzjoni tar-Regolament dwar is-Sallura; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaġġornaw regolarment l-EMPs tagħhom, abbażi tal-aħjar għarfien u pariri xjentifiċi disponibbli; jistieden lill-Istati Membri jpoġġu miri konkreti u skadenzi intermedji fl-EMPs aġġornati tagħhom; jisħaq li l-irkupru tas-sallura huwa proċess fuq terminu twil li jirrikjedi sforz kontinwu u li pjan ta' ġestjoni ta' darba mhux se jkun biżżejjed;

10. Jenfasizza li hemm dewmien fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Sallura u li r-rapportar tad-data ma huwiex komplut; jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li l-għadd ta' Stati Membri li jaderixxu mar-rekwiżit ta' rapportar skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar is-Sallura naqas matul is-snin; ifakkar lill-Istati Membri dwar l-importanza li jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward; jenfasizza l-fatt li huwa vitali li tinġabar kemm jista' jkun informazzjoni u data biex jiġi żgurat li l-parir xjentifiku jkun aġġornat kemm jista' jkun sabiex jiġu appoġġati deċiżjonijiet dwar l-aktar miżuri ta' ġestjoni xierqa, u li dawn jiġu implimentati u evalwati; jenfasizza li nuqqas ta' data ma jżommx lill-Istati Membri milli jaġixxu;

***Miżuri dwar is-sajd tas-sallura***

11. Jenfasizza r-rwol importanti li s-sajd tas-sallura għandu fis-soċjetà, speċjalment fil-komunitajiet lokali tagħhom, fejn is-sajd tas-sallura huwa kemm attività soċjoekonomika kif ukoll tradizzjoni kulturali li tmur lura sekli sħaħ; jinnota li s-sajd tas-sallura naqas b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar 10 snin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq is-sajd u, fejn meħtieġ, jipproponu azzjonijiet biex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sajd tas-sallura; jissottolinja li s-sajjieda kummerċjali u rikreattivi għandhom rwol importanti fil-ġbir tad-data, u li huma l-gwardjani u l-"għajnejn u l-widnejn" tal-ibħra u x-xmajjar tagħna, li huwa assi fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); jirrimarka li s-sajd tas-sallura jwettaq attività artiġjanali fuq skala żgħira u spiss jinsab f'żoni rurali u remoti, fejn is-sajjieda kummerċjali u rikreattivi għandhom rwol ekonomiku, ambjentali u soċjali importanti;

12. Jesprimi t-tama tiegħu li fejn jistgħu jitqiesu meħtieġa aktar restrizzjonijiet fuq is-sajd, dan isir b'mod olistiku fil-kuntest tal-EMPs u mhux fil-forma ta' deċiżjonijiet *ad hoc* tal-Kunsill, ibbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u fuq valutazzjonijiet tal-impatt soċjoekonomiku minn qabel, u akkumpanjati minn kumpens u appoġġ xierqa għas-sajjieda, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA); iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jużaw u jaġġornaw b'mod aktar attiv l-EMPs tagħhom sabiex jevitaw deċiżjonijiet *ad hoc* tal-Kunsill;

13. Jafferma mill-ġdid li r-ripopolazzjoni hija waħda mill-miżuri ta' rkupru elenkati fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament dwar is-Sallura; huwa tal-fehma li r-ripopolazzjoni hija miżura meħtieġa fuq perjodu qasir sa medju sakemm il-problema tal-ostakli għall-migrazzjoni tiġi solvuta b'mod adegwat; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, ikomplu l-prattika tar-ripopolazzjoni, inkluż bl-appoġġ tal-FEMSA; jenfasizza l-fatt li, għalkemm il-kontribut tar-ripopolazzjoni għall-irkupru tal-istokkijiet fil-livell internazzjonali ma jistax jiġi aċċertat, dan jista' jkollu effetti pożittivi fil-livell lokali u reġjonali, prinċipalment fuq il-bijodiversità tal-ħut; ifakkar li r-ripopolazzjoni hija mod kif jinxterdu u jiġu limitati r-riskji għall-irkupru tal-istokk, meta titqies iż-żieda fin-nixfa li qed tikkawża problemi fix-xmajjar madwar l-Ewropa; jirrimarka, barra minn hekk, li l-qabdiet tar-ripopolazzjoni huma relattivament baxxi (2-3 % tal-frieħ tas-sallura kollha); jenfasizza li l-qabdiet legali tal-frieħ tas-sallura huma kruċjali għas-settur tal-akkwakultura Ewropew u jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-akkwakultura fir-ripopolazzjoni;

14. Jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li s-sajd jinżamm f'livelli responsabbli, jiddeterminaw, sa fejn ikun possibbli u f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, l-aktar perjodi xierqa għas-sajd, li jistgħu jvarjaw skont il-pajjiż u skont ir-reġjun, filwaqt li jitqiesu l-perjodi tas-sajd fl-Istati Membri ġirien;

***Miżuri mhux relatati mas-sajd/mal-migrazzjoni***

15. Jisħaq li jeħtieġ li jsir aktar xogħol rigward fatturi mhux relatati mas-sajd li għandhom impatt fuq il-mortalità tas-sallura; jenfasizza l-fatt li l-ostakli infrastrutturali huma wieħed mill-aktar fatturi detrimentali li jikkawżaw il-mortalità tas-sallura; josserva li din il-problema ma ġietx indirizzata biżżejjed mill-Istati Membri, kif muri mill-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-2014 u għal darb'oħra fl-2020;

16. Jistieden lill-Istati Membri jneħħu digi li ma għadhomx jintużaw u ostakli oħra jew joħolqu soluzzjonijiet li jippermettu l-migrazzjoni tal-ispeċijiet b'urġenza, sabiex jiġu żgurati rotot ta' migrazzjoni, kif diġà ġie indirizzat fil-partijiet rilevanti tal-istrateġija dwar il-bijodiversità u l-Patt Ekoloġiku Ewropew;

17. Jissottolinja li hemm alternattivi fis-suq għall-pompi tal-ilma u l-impjanti tal-enerġija idroelettrika li jiffavorixxu l-ħut biex ikun jista' jgħaddi; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu s-sikurezza u l-benessri tal-ħut rekwiżit obbligatorju għal installazzjonijiet ġodda u għal dawk qodma meta dawn jiġu sostitwiti; jappella li jitqies li dan ir-rekwiżit isir obbligatorju fil-livell tal-UE; jirrimarka li tista' tkun meħtieġa metodoloġija komuni sabiex jiġi ddeterminat u ċċertifikat meta l-pompi jistgħu jitqiesu li jiffavorixxu l-ħut u li metodoloġija bħal din tista' tiffaċilita l-użu ta' din l-infrastruttura; jenfasizza li l-istandards nazzjonali f'diversi Stati Membri jistgħu jservu bħala eżempju;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu bil-proġetti ta' nassa u trasferiment u ta' migrazzjoni assistita bħala soluzzjoni temporanja għall-ħarba tas-sallur tal-fidda, f'każ li soluzzjonijiet strutturali ma jkunux possibbli fuq terminu qasir;

19. Jenfasizza l-fatt li l-miżuri ta' migrazzjoni għandhom jiġu implimentati b'mod koordinat u tranżnazzjonali, b'kunsiderazzjoni ta' ostakli oħra upstream jew downstream tul l-istess rotta ta' migrazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll iż-żmien tal-perjodi tal-ogħla migrazzjoni;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistudjaw bir-reqqa u jieħdu miżuri kontra fatturi antropoġeniċi oħra ta' mortalità, bħat-tniġġis u l-parassiti, kif ukoll il-predaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet u d-dewmien fil-leġiżlazzjoni ambjentali u jistabbilixxu pjanijiet ta' ġestjoni xierqa għal speċijiet oħra li jaffettwaw il-popolazzjoni tas-sallura, bħall-margun f'xi żoni; jenfasizza l-importanza li jkun hemm regoli ta' kwarantina ta' standard għoli għall-frieħ tas-sallura biex jiġi evitat it-tixrid tal-parassiti waqt ir-ripopolazzjoni;

21. Jirrikonoxxi l-importanza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-individwi involuti f'attivitajiet tas-sajd rikreattiv, inklużi proġetti ta' konservazzjoni; jinnota li dawn l-attivitajiet għandhom rwol importanti fil-koeżjoni soċjali tal-komunitajiet lokali u rurali;

*Miżuri kontra l-kummerċ illegali u l-kaċċa illegali*

22. Jissottolinja li s-sajd IUU u l-kummerċ illegali għadhom problema sinifikanti; ifaħħar is-suċċessi attwali tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet doganali u jisħaq fuq l-importanza tal-prevenzjoni ta' aktar traffikar; jisħaq li huma meħtieġa aktar kontrolli u monitoraġġ tar-Regolament dwar is-Sallura;

23. Jappella għal koordinazzjoni aħjar tal-awtoritajiet doganali, tal-pulizija, tal-kontroll tas-sajd u ambjentali fl-Istati Membri u bejniethom u ma' pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll skambju ta' data; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jinvestu fit-tagħrif espert u l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi;

24. Jenfasizza l-fatt li t-trasparenza u t-traċċabbiltà mtejba għall-frieħ tas-sallura maqbud huma mod importanti biex jiġu miġġielda l-prattiki tas-sajd IUU u li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, ibbażati fuq verifiki indipendenti u standards miftiehma internazzjonalment, huma għodda importanti biex tiġi żgurata l-legalità tal-qabdiet; iżid f'dan ir-rigward li l-kontribut ta' skemi bħall-Grupp tas-Sallura Sostenibbli jidher promettenti; jistieden lill-Istati Membri jippubblikaw il-pjanijiet tagħhom ta' ripopolazzjoni sabiex il-flussi kummerċjali illegali tal-frieħ tas-sallura jkunu jistgħu jiġu identifikati u mmirati aħjar;

25. Jistieden lill-Istati Membri jimponu sanzjonijiet verament dissważivi; jappella għal armonizzazzjoni tal-multi finanzjarji bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex jimplimentaw malajr ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd, adottat reċentement mill-Parlament fl-ewwel qari[9], u biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-

[9] Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE)

obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu;

***Riċerka xjentifika u armonizzazzjoni tal-ġbir tad-data***

26. Ifakkar li hemm ħafna li ma huwiex magħruf dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura, inkluż il-proċess ta' riproduzzjoni tagħha u r-raġunijiet eżatti għat-tnaqqis fl-istokk; jitlob, għalhekk, li jkun hemm aktar riċerka xjentifika, b'finanzjament u riżorsi umani suffiċjenti, dwar l-istatus tal-istokk u r-raġunijiet għat-tnaqqis tiegħu; jissuġġerixxi li r-riċerka tħares ukoll lejn sustanzi niġġiesa kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima, pereżempju fil-Kurrent tal-Golf lejn u mill-Baħar Sargasso;

27. Jirrimarka li hemm nuqqas ta' rabta bejn l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Sallur u l-pariri annwali tal-ICES dwar l-opportunitajiet tas-sajd, peress li dawn il-pariri huma bbażati fuq ix-xejra tar-reklutaġġ tal-frieħ tas-sallura u tas-sallur s-safra u mhux fuq il-ħrib tas-sallura tal-fidda (mira ta' 40 %); jappella li dan jiġi armonizzat; jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb id-data dwar ir-reklutaġġ, il-ħrib u l-mortalità inkluż fil-livell internazzjonali;

28. Jinkoraġġixxi lill-ICES, fl-evalwazzjoni tiegħu tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura, jivvaluta wkoll il-kontribut tagħhom għall-objettivi ġenerali tal-politika komuni tas-sajd;

29. Ifaħħar lill-ICES talli ħadem fuq l-iżvilupp ta' mudell ta' stokk sħiħ sabiex janalizza u jbassar ix-xejriet;

30. Jisħaq li l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar tad-data għandhom jiġu armonizzati u standardizzati sabiex id-data tkun tista' titqabbel; jirrakkomanda li s-sajjieda kummerċjali u rikreattivi jkunu involuti, fejn xieraq, fil-ġbir u l-analiżi tad-data;

***Dimensjoni transfruntiera***

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu aktar Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura transfruntieri, fejn xieraq; jenfasizza li huwa importanti għall-Kummissjoni li tappoġġja u tiffaċilita tali ħidma mill-Istati Membri;

32. Jinnota l-miżuri meħuda fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) biex jittejbu l-ġestjoni u r-riċerka tas-sallura fil-Mediterran; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri rilevanti u lil partijiet kontraenti oħra biex jaħdmu għal pjan ta' ġestjoni ambizzjuż, realistiku u bbażat fuq ix-xjenza tal-GFCM għas-sallura; jenfasizza li dan il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għandu jkun kompatibbli mar-Regolament dwar is-Sallura;

°

° °

33. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u

---

Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd (testi adottati, P9_TA(2023)0365).

lill-Kummissjoni.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 0<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Aguilera, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Francisco Guerreiro, Anja Haga, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ska Keller, Colm Markey, Gabriel Mato |
| **Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali** | Martin Hlaváček, Camilla Laureti, Erik Poulsen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 17 | + |
|---|---|
| ECR | Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen |
| ID | Rosanna Conte |
| NI | Marc Tarabella |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Anja Haga, Colm Markey, Gabriel Mato |
| Renew | Izaskun Bilbao Barandica, Martin Hlaváček, Pierre Karleskind, Erik Poulsen |
| S&D | Clara Aguilera, Isabel Carvalhais, Camilla Laureti, Predrag Fred Matić |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ID | France Jamet |
| Verts/ALE | Francisco Guerreiro, Ska Keller, Caroline Roose |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni